MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2006

Numru 1056/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Marisa Camilleri**
**v**

**ALEX VELLA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALEX VELLA** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Paul u MaryAnne nee Scerri imwieled Pieta nhar l-hdax ta' Dicembru 1980 u residenti Flat 1, Madonna tal-Grazzja, Triq Amleto Spiteri, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 6481M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. fis-sebgha ta' Ottubru 2006, bejn s-sebgha w nofs ta' filghaxija w d-disgha ta' bil-lejl, gewwa s-Siggiewi, spara arma tan-nar u cioe senter f'distanza t'inqas minn mitejn metro boghod minn post abitat;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, garr arma tan-nar u cioe senter ikkargat u barra mill-ghata tieghu f'inqas minn mitejn metro boghod minn post abitat;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix l-hames mitt lira maltin imma teccedi l-hamsin lira maltin liema hsara saret fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAW 889 ghad-dannu ta' Paul Vella;

4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel hsara fil-proprjeta ta' haddiehor, kellu fil-pussess tieghu arma regolari u cioe senter;

5. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded bil-kliem lil missieru Paul Vella;

6. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qal kliem oxen u dagha fil-pubbliku uli kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta'htija, jekk jidhrilha xieraa u biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Paul Vella, flimkien mal-piena, jew minflok il-piena, turbot lil imputat Alex Vella b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' soma flus u dan skond kif hemm provdut fl-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, jew tissospendi l-licenzja ta' garr jew pussess t'arma u barra minn dan l-konfiska tal-arma nvoluta fil-kaz.

Semghet lil Paul Vella bin l-imputat, jiddikjara li qed jahfer lil ibnu l-imputat ghal dak kollu li ghamillu u li qed jirrinunzja ghal azzjnoi kriminali fil-konfront tieghu.

Konsegwentement tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tal-hames akkuza stante rinunzja ta' Paul Vella.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-tmienja ta’ Ottubru 2006 meta sar l-ezami li sar nhar l-erbgha ta' Dicembru 2001 [fol 14] ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu, salv u b’eccezzjoni ghal dik l-akkuza fuq indikata li l-Qorti iddikjarat procediment ezawrit.

Dwar il-piena il-Qorti semghet lil Paul Vella jiddikjara li kien qed jahfer lil ibnu Alex Vella tal-akkadut u lil Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih maghha tul dawn il-proceduri.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar l-piena fis-seduta tat-tmienja ta’ Ottubru 2006.

**Illi ghalhekk l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 325(c), 339(1)(e), 338(bb), 338(dd), 383 tal-Kap 9, l-artrikolu 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 9(1) tal-Avviz Legali numru 146 tas-sena 1993, **tiddikjara li qed issib lill-imputat ALEX VELLA hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghall-sena prigunerija sospiza ghal tlett [3] snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Inoltre ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta’ Malta, qed torbot lil imputat taht penali ta’ mitt lira fin-nuqqas, li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jintimidax lil missieru Paul Vella.**

Il-Qorti ma tilqax t-talba involuta fil-kaz peress li l-prosekuzzjonni naqset li tesibixxi l-arma fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------